**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000029/2023**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Kosma Złotowski** (ECR), **Elżbieta Katarzyna Łukacijewska** (PPE), **Marian-Jean Marinescu** (PPE), **Andrey Novakov** (PPE), **Angel Dzhambazki** (ECR), **Bogusław Liberadzki** (S&D), **Peter Lundgren** (ECR), **Eugen Tomac** (PPE), **Dan-Ştefan Motreanu** (PPE), **Anna Zalewska** (ECR), **Dominik Tarczyński** (ECR), **Loránt Vincze** (PPE), **Beata Mazurek** (ECR), **Vasile Blaga** (PPE), **Andris Ameriks** (S&D), **György Hölvényi** (PPE), **Ivan Vilibor Sinčić** (NI), **Katarína Roth Neveďalová** (S&D), **Peter Pollák** (PPE), **Juozas Olekas** (S&D), **Anna Fotyga** (ECR), **Vlad Gheorghe** (Renew), **Adam Jarubas** (PPE), **Jarosław Duda** (PPE), **Elżbieta Rafalska** (ECR), **Andor Deli** (NI), **Jarosław Kalinowski** (PPE), **Barbara Thaler** (PPE), **Roberts Zīle** (ECR), **Cristian Terheş** (ECR), **Andrey Slabakov** (ECR), **Ryszard Antoni Legutko** (ECR), **Tomasz Piotr Poręba** (ECR), **Jadwiga Wiśniewska** (ECR), **Krzysztof Hetman** (PPE), **Marianne Vind** (S&D), **Beata Kempa** (ECR), **Eugen Jurzyca** (ECR), **Tomasz Frankowski** (PPE), **Magdalena Adamowicz** (PPE), **Enikő Győri** (NI), **Elżbieta Kruk** (ECR), **Balázs Hidvéghi** (NI), **Lívia Járóka** (NI), **Ádám Kósa** (NI), **Zbigniew Kuźmiuk** (ECR), **Bronis Ropė** (Verts/ALE), **Marco Campomenosi** (ID), **Beata Szydło** (ECR), **Bogdan Rzońca** (ECR), **Jan Olbrycht** (PPE), **Daniel Buda** (PPE), **Ioan-Rareş Bogdan** (PPE), **Gheorghe Falcă** (PPE), **Mircea-Gheorghe Hava** (PPE), **Iuliu Winkler** (PPE), **Adam Bielan** (ECR), **Ernő Schaller-Baross** (NI), **Edina Tóth** (NI), **Ryszard Czarnecki** (ECR), **Joanna Kopcińska** (ECR), **Siegfried Mureşan** (PPE), **Izabela-Helena Kloc** (ECR), **Andżelika Anna Możdżanowska** (ECR)

Suġġett: Kundizzjonijiet sanitarji ħżiena, livell baxx ta’ sigurtà u nuqqas ta’ postijiet ta’ parkeġġ fiż-żoni ta’ mistrieħ għas-sewwieqa tat-trakkijiet

It-trasport bit-triq huwa settur strateġiku tal-ekonomija Ewropea, responsabbli għall-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku fl-Unjoni Ewropea. Sfortunatament, minħabba l-istat fqir tal-infrastruttura u l-livell baxx ta’ sikurezza, speċjalment fiż-żoni ta’ mistrieħ u fiż-żoni ta’ parkeġġ, inqas u inqas nies huma lesti li jibdew impjieg bħala sewwieq tat-trakkijiet.

L-obbligu li jqattgħu l-perjodi ta’ mistrieħ barra mill-kabina lis-sewwieqa jġegħilhom iqattgħu l-lejl f’lukandi ta’ standard baxx ħafna, spiss mingħajr aċċess għal toilets jew showers nodfa u mingħajr garanziji adegwati għas-sikurezza personali tagħhom u tal-merkanzija li tkun qed tiġi ttrasportata. Il-miżuri leġiżlattivi li ttieħdu f’dawn l-aħħar snin ma kellhom l-ebda effett f’dan ir-rigward u f’uħud mill-Istati Membri saħansitra aggravaw is-sitwazzjoni għas-sewwieqa, żiedu l-kostijiet u taw lok għal żoni ta’ mistrieħ iffullati.

1. Il-Kummissjoni hija konxja mill-fatt li l-kundizzjonijiet sanitarji u tas-sikurezza għas-sewwieqa tat-trakkijiet qegħdin imorru dejjem għall-agħar f’pajjiżi bħal Franza, il-Belġju u l-Ġermanja?

2. Liema azzjoni ħadet il-Kummissjoni mill-adozzjoni tal-pakkett dwar il-mobbiltà biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jinvestu aktar fiż-żoni ta’ parkeġġ, fil-lukandi u fiż-żoni ta’ mistrieħ fuq rotot ta’ tranżitu ewlenin, bil-faċilitajiet sanitarji neċessarji?

3. Il-Kummissjoni hija konxja tal-problema tan-nuqqas ta’ sewwieqa fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u taċċetta li l-istandards tas-sikurezza baxxi ħafna u l-istat ħażin taż-żoni ta’ mistrieħ fl-Ewropa tal-Punent qed jiskoraġġixxu lin-nies milli jibdew din il-professjoni?

Imressqa:7.6.2023

Skadenza:8.9.2023